MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Mandat Numru. 146/2012/1

**John Mary Ciappara maghruf ukoll bhala Jesmond Ciappara, iben il-mejjet Carmel Ciappara, impjegat**

**vs**

**Sonia Ciappara Debattista, managing director ma’ Calbros Bathroom Centre ta’ Naxxar Road gewwa Birkirkara, imwielda Pieta’, impjegata mas-sieheb taghha Carmelo Gauci**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni tat-2 ta’ Lulju 2012;

Rat ir-risposta tal-intimata tal-4 ta’ Lulju 2012;

Semghet  lid-difensuri fis-seduta tat-12 ta’ Lulju 2012.

## Ikkunsidrat

Ir-rikorrenti qed jitlob li a bazi ta’ sentenza tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja fl-istess ismijiet datata 24 ta’ Frar 2010 u li marret in gudikat, il-Qorti takkorda l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimata sabiex ma tithalliex tiddisponi minn ishma f’socjeta kummercjali formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u senjatament il-fond immobiljari in kwistjoni li dwaru qed jintalab l-inibizzjoni. Inoltre qed jitlob ukoll li l-intimata tigi inibita milli taghmel dejn jew garanzija li tkun piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti.

L-intimata irrispondiet fost affarijiet ohra li ma hemmx bazi legali ghal dan il-mandat.

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Din il-Qorti hi marbuta ma’ dak li qed jintalab mir-rikorrenti. Ghalkemm fir-rikors ma jissemma’ xejn dwar l-artikolu specifiku li a bazi tieghu qed jintalab il-hrug ta’ mandat kawtelatorju bhal dan, qari tat-talbiet juru b’mod inekwivoku illi t-talba tar-rikorrent qed issir a bazi tal-artikolu 876(1)(a) u (c) tal-Kap. 12.

Dan l-artikolu hu intiz biex jipprotegi wiehed mill-konjugi mill-abbuzi li jistghu jigu kommessi mill-konjugi l-iehor

waqt jew qabel ma jingiebu proceduri ghal separazzjoni personali jew divorzju. Dan hu mandat kawtelatorju mentri r-rikorrent qed jitlob il-hrug tieghu a bazi ta' sentenza, cioe titolu ezekuttiv, fejn anki l-komunjoni tal-akkwisti giet xolta. Dan ma jaghmilx sens u a bazi ta' hekk biss it-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghandu jigi michud. Titolu ezekuttiv jaghti lok ghal drittijiet favur il-kreditur ghall-ezekuzzjoni tat-titolu akkwistat minnu permezz tal-uzu ta' mandat ezekuttiv intizi biex jaghtu sodisfazzjon lil kreditur ghal kreditu dovut lilu jekk id-debitur ma jissaldax volontarjament id-debitu. Dan il-mandat kif mitlub mir-rikorrent mhux wiehed mill-mandati ezekuttivi u ghalhekk hu inammissibbli u addirittura null fil-kuntest ta' dak li qed jintalab cioe kreditu naxxenti minn titolu ezekuttiv. F'dan l-istadju r-rikorrenti ma ghandux x'jikkawtela ghax ghandu titolu ezekuttiv favurih.

Apparti dan u bhala punt akkademiku biss, anki kieku l-artikolu in kwistjoni kien applikabbli, ir-rikorrenti ma jistax idahhal il-proprjeta immobbli bhala parti mit-talba ghal hrug ta' mandat ghaliex l-artikolu 876(1)(a) u (c) titkellem fuq ishma f'socjeta kummercjali biss jew proprjeta formanti parti minn socjeta kummercjali li ma jidhirx li hu l-kaz prezenti.

Lanqas jista' jinghad ghal grazzja tal-argument illi r-rikorrenti qed jitlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fuq l-immobbli biss a bazi tal-artikolu 874(1) cioe biex jikkawtela kreditu u dan peress illi l-allegat kreditu li qed jivvanta r-rikorrenti hu gia naxxenti mis-sentenza moghtija fl-2010 u inoltre anki kieku dan ma kienx il-kaz, ir-rikorrenti naqas bl-ikrah milli jottempera ruhu mad-dispost tal-artikolu 874(2) dwar il-partikolaritajiet li jridu jigu elenkati dwar il-proprjeta immobbli bhala prerekwizat essenzjali qabel jigi dikuss il-mertu tal-mandat.

Lanqas jista' jinghad li l-mandat qed jintalab taht l-artikolu generali dwar il-mandat ta' inibizzjoni ghax kif inhu kostantement ribadit mill-Qrati taghna illi l-mandat jitlef is-sahha tieghu u talba ghal hrug tieghu ma tigix kunsidrata jekk dak li qed jintalab gia jkun sehh. F'dan il-kaz, dak li qed jipprova jikkawtela r-rikorrenti gia sehh bis-sentenza

fuq citata bejn l-istess partijiet u sta ghal kontendenti li jezegwixxi bil-mezzi li taghti l-ligi dak deciz.

**Decide**

Ghalhekk din il-Qorti qed tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------